MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tat-23 ta' Novembru, 2009

Numru 372/2000

Il-Pulizija
(Spettur Carmelo Magri)

vs

Glenn Borg
Damien Borg

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputati ta’ karta ta’ identità numru 356377M u 196479M rispettivament, akkuzat talli:

1. F’dawn il-Gzejjer fit-30 ta’ Novembru, 1998 u fix-xhur ta’ qabel din id-data, kkommettew serq ta’ vettura ta’ l-ghamla Mazda RX-7 bin-numru ta’ registrazzjoni JAZ-872 ghad-dannu tal-mejjet Fathi Snoussi minn M’Scala u l-eredi tieghu, liema serq hu kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-

elf Lira Maltin (Lm1000), bil-persuna u bix-xorta tal-haga misruqa;
2. fit-30 ta’ Novembru 1998 u fix-xhur ta’ qabel din id-data xjentement laqghu ghandhom hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta kif ukoll barra minn Malta, jew xjentement, b’kull mod li jkun, indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom;
3. fl-istess hin, lok u cirkostanzi ghamlu falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskritturi jew fil-firem billi holqu pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhlu dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f’dawk l-atti jew skritturi wara li gew iffirmati nkella billi ziedu jew biddlu klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;
4. fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi xjentement ghamlu uzu minn atti, kitba jew skrittura falza;
5. sabiex jiksbu xi vantagg jew beneficcju ghalihom infushom jew ghal haddiehor f’xi dokumenti mahsuba ghal xi awtorita’ pubblika, xjentement ghamlu dikjarazzjonijiet jew stqarrijiet foloz jew taw taghrif falz.

Rat ir-rinviju ghall-gudizzju mibghut lil din il-Qorti mill-Avukat Generali li bih deherlu li a bazi tal-artikoli minnu citati setghet tinstab htija jew htijiet fl-imputati jew min minnhom b’hekk li baghat l-atti lura lil din il-Qorti sabiex fin-nuqqas ta’ opposizzjoni minn naha tal-imputati tiggudikahom dwar il-htija jew nuqqas taghha;

Ezaminat ix-xhieda kollha;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat:

Ai termini tar-rinviju tal-Avukat Generali l-imputati huma akkuzati ta’: serq aggravat bil-valur, persuna u xorta tal-hga misruqa; ricettazzjoni; falsifikazzjoni ta’ atti pubblici, kummercjali jew ta’ bank privat minn persuni mhux

ufficcjali pubblici; uzu xjenti ta’ dokumenti foloz; dikjarazzjoni falza jew tgharif falz lil awtorita’ pubblika; l-imsemmija reati assoggettati ghall-Artikolu 17/b (konkors ta’ reati u pieni), Artikolu 20 (piena ma tistax tinghata fil-minimum), Artikolu 22 (kalkoli ta’ kundanni ta’ prigunerija), Artikolu 533 (hlas tal-esperti nominali fil-proceduri).

Illi l-ewwel zewg reati li l-imputati huma mixlin bihom mill-Avukat Generali jirrigwardaw is-serq u r-ricettazzjoni ta’ vettura tal-marka Mazda numru ta’ registrazzjoni JAZ-872. Fil-kuntest ta’ dawn l-ewwel zewg reati huwa indispensabbli li jsir l-indagni dwar liema miz-zewg reati imsemmija, jekk il-kaz, jirrizulta pruvat, ghaliex, stante li dawn l-ewwel zewg akkuzi huma ghad-eskluzzjoni ta’ xulxin, jew jirrizulta s-serq jew tirrizulta r-ricettazzjoni, jew ukoll, jista’ jaghti l-kaz, li ma jirrizulta ebda wiehed minnhom. Issa, sabiex il-prosekuzzjoni setghet tipprova s-serq kien jehtigilha tipprova l-kontrattazjoni doluza tal-vettura kontra r-rieda tas-sid bl-animu ta’ lukru. Mill-provi l-unika haga li tirrizulta fic-cert hu li l-vettura kienet propjeta’ ta’ certu Fathi Sanoussi u wara li dahal rapport instabet ghand l-imputat Glenn borg. Jirrizulta li r-rapport dahal wara li kien miet l-imsemmi Sanoussi liema mewt issuccediet fis-26 ta’ Novembru 1998. Mid-dokumenti esebiti in atti, senjatament X2 (duplikat f’folio 22 u 23) u X1 (folio 24), jirrizulta li l-vettura fil-gurnata meta gie rilaxxat id-dokument (ossija il-log book tal-vettura) fit-13 ta’ Novembru 1998 kienet tghajjat lil imsemmi Sanoussi izda li sussegwentement, cioè fis-27 ta’ Novembru 1998, giet tghajjat lil Glenn Borg. Mix-xhieda ta’ certa Farrugia, li kienet ghamlet xi zmien tghix ma’ dan Sanoussi, jirrizulta li dan ta’ l-ahhar kien habat b’din il-Mazda fit-13 ta’ Novembru 1998 u kien hadha tissewwa ghand l-imputat Glenn Borg u partatilu ma’ Pajero u flus. Dan Sanoussi kien beda jsuq il-Pajero wara li kien habat bil-Mazda. Jidher ghalhekk li xi tip ta’ negozju bejn Glenn Borg u l-mejjet Sanoussi, sija dwar il-Mazda (meritu dina l-kawza) u l-Pajero kien hemm, u f’dan il-kuntest jemergi, ghal tal-anqas sal-grad tal-probabbli, li dak mistharreg fl-istqarrija ta’ l-imputat Glenn Borg lill-Pulizija ghandu mill-probabbli, cioè, li l-Mazda mahbuta kien partatta mal-Pajero u flus ma’ dan Sanoussi. Ghaldaqstant, fuq il-massima ‘in dubio

pro reo' l-Qorti mhux sejra issib htija fl-imputati fuq din l-ewwel akkuza.

Illi dwar jekk tirrizultax reita' fir-rigward tar-ricettazzjoni, dan jiddependi, eskluz li jissusisti s-serq, dwar jekk din il-Mazda giet mill-istess imputati jew minnhom, mehuda b'qerq jew gietx akkwistata b'xi reat.

Qabel però ma tigi trattata r-ricettazzjoni ghandu jigi vestit ir-reat ta' falsifikazzjoni, reat dan ukoll indikat mill-Avukat Generali. Issa hu fatt stabbilit, li jirrizulta, ukoll 'icto oculi', li l-firma ta' Sanoussi hi falsifikata. Ma jirrizultax però li l-falsifikazzjoni giet maghmula mill-imputati. Mill-banda l-ohra izda hu wisq car li l-imputati, wiehed bhala xerrej tal-Mazda u l-iehor li ffirma bhala xhud, kienu jafu ben tajjeb li kienu qeghdin jiffirmaw dokument, markat 'BY' folio 21, li kien certament juri holqien ta' pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz stante l-firma falza ta' l-imsemmi Sanoussi, liema dokument huwa n-'notice to transfer' u jirreferi ghall-vettura Mazda minn fuq isem l-imsemmi Sanoussi ghal fuq isem l-imputat Glenn borg. Bhala segwitu dan igib ukoll ir-reita' fl-imputati dwar l-uzu xjenti tad-dokument u t-taghrif falz lill-awtorita' pubblika. Inghad dan isegwi ukoll li jirrizulta r-reat ta' ricettazzjoni.

Rat l-Artikolu 334, 183, 184, 188, 334(c), 17(h) tal-Kap 9;

Issibhom hatja tat-tieni, it-tielet, ir-raba u l-hames akkuzi.

Wara li qieset ic-cirkostanzi qeghedha tilliberahom bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghall-perjodu ta' sentejn mill-lum.

Il-Qorti spjegat lill-imputati r-responsabilitajiet taghhom skond is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------